# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 10**

**Rikors numru 250/14/2 AGV**

**Lorraine Vella Calleja f'isimha personali u bħala *kuratriċi ad litem* ta' binha minuri Mathias**

**v.**

**Joseph Vella**

1. Dawn huma żewġ appelli, wieħed ta' kull parti, minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-20 ta' Ottubru, 2020, dwar il-firda personali bejn il-partijiet u l-kura, kustodja, aċċess u manteniment ta' binhom. Il-partijiet iżżewġu fis-17 ta' April, 2009, (att numru 260 tal-2009).

2. Il-kawża nbdiet permezz ta' rikors maħluf preżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-5 ta' Novembru, 2014, permezz ta' liema l-attriċi talbet:

> *"1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet ghal tortijiet serji unikament imputabbli lill-intimat u konsegwentament id-data meta l-istess intimat ghandu jkun ikkunsidrat li minnha kien hati tal-firda, jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;*
>
> *2. Tordna illi l-kura u kustodja tat-tifel minuri Mathias tigi fdata esklusivament*
> *f'idejn ir-rikorrenti, salv id-dritt ta' access li din l-Onorabbli Qorti joghgobha takkorda lill-intimat ghall-istess minuri, dejjem taht dawk il-kundizzjonijiet li din l-istess Qorti, jidhirlha xierqa u opportuni, kollox skont l-ahjar interess tal-minuri.*
>
> *3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti, u dan ghaliha personalment u kif ukoll ghall-bzonnijiet tat-tifel minuri Mathias, retta alimentarja xierqa u adegwata, liema somma ffissata minn dina Onorabbli Qorti, tkun pagabbli mill-intimat lill-istess rikorrenti fil-gimgha jew fix-xahar skont kif jigi ordnat mill-Qorti, u bi provvedimenti jekk ikun opportun zieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghal-gholi tal-hajja jew hekk jidher xieraq lil din l-istess Qorti, tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali u / jew tassenja propjeta' immobbli lir-rikorrenti, illi fil-fehma tal-Qorti, tkun gusta u sufficjenti bl-applikazzjoni tal-artikolu 54 (5) u (8) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *4. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti retta alimentarja xierqa u adegwata ghall-bzonnijiet tal-istess rikorrenti.*
>
> *5. Tapplika kontra l-intimat, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *6. Tiddikjara okkorrendo bil-hatra ta' periti nominandi, ix-xoljiment u konsegwenti likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'mod illi jigu stabbiliti l-porzjonijiet illi ghandhom jigu assenjati lil-partijiet rispettivi.*
>
> *7. Tordna lill-intimat jikkonsenja lir-rikorrenti l-beni/ krediti dotali u parafernali kollha taghha u tordna illi r-rikorrenti tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.*
>
> *8. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti lura ghal kunjom xbubitha, u cjoe' Calleja.*

*9. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircevi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi deputati, sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*

*10.Tawtorizza lir-rikorrenti illi tirregistra ossija tnizzel fir-registru pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti".*

3. Il-konvenut wieġeb[1] illi:

*"1. Illi l-esponent jichad bil-qawwa kollha li z-zwieg tkisser ghal ragunijiet attribwibbli lilu. L-esponenti katergorikament jichad illi huwa kien s-sors ta' eccessi, mohqrija, sevizzi, minacci, theddid u ingurji gravi fir-rigward ta' martu. L-esponenti fermament jemmen illi z-zwieg tkisser f'mod irrimedjabbli minhabba htijiet attribwibbli lil martu, hekk kif spjegat f' aktar dettall fl-ismijiet, Joseph Vella vs Lorraine Vella Calleja (Rikors Guramentat: 247/2014 RGM), liema kawza qed tinstema' kontestwalment ma' din il-kawza. Ghaldaqstant l-esponenti, ma jemminx li dina l-Qorti ghandha tilqa' l-ewwel talba attrici.*

*2. Illi fir-rigward tat-tieni talba attrici, l-esponent jinsisti li kura u l-kustodja tal-minuri Mathias, ghandha tkun kongunta, u dan fl-ahjar interess tat-tifel. Dan qed jigi sottomess anka in vista tal-fatt li huwa ferm possibbli li fil-futur, l-esponenti jirritorna ghal Malta mill-Germanja, fejn jabita fil-mument.*

*3. Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici:*

*i. Ebda manteniment ma huwa dovut lill-attrici stante li hija tahdem,*

*hija ghandha kapacita li tahdem anke jekk ma tibqax fl-impjieg attwali taghha, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, hija ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment ghar-ragunijiet imfissra fir-rikors guramentat, fuq imsemmi 247/2014 RGM, fl-ismijiet inversi;*

*ii. L-esponenti jaqbel li ghandu jhallas manteniment ghall-htigijiet ta' Mathias, b' dana illi, il-quantum ghandu jigi ovvjament rispettat skont il-htigijiet rejali materjali tal-minuri, u martu ghandha tikkontribwixxi daqs l-esponenti f'dak ir-rigward stante li hija tahdem u ghandha l-kapacita' li tahdem;*

*iii. Ma hemm ebda lok li jigu applikati l-provvedimenti mahsuba fl-artikolu 54 (5) u (8) tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti dejjem onora metikolazament l-obbligi tieghu marbuta mal-hlas ta' manteniment ghal ibnu.*

[1] Fol. 76.

*4. Illi fir-rigward tar-raba' talba attrici, jigi enfassizat li l-attrici ma ghandha ebda jedd li titlob ghall-hlas ta' manteniment ghaliha, hekk kif spjegat fl-artikolu precedenti ta' din ir-risposta guramentata.*

*5. Illi fir-rigward tal-hames talba attrici, ma jezistux ir-rekwiziti fattwali u legali ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet hemm imsemmija.*

*6. Illi l-esponenti ma jopponix ghal dak rikjest fis-sitt talba attrici.*

*7. Illi l-esponenti ma jopponix ghal dak rikjest fis-seba' talba attriċi. Jigi madankollu dikjarat minn issa li dina hija talba inutili, stante li anke fil-mument tal-intavolar tal-azzjoni attrici, l-esponenti ma kellux il-pussess ta' kwalunkwe beni jew krediti imsemmija fl-istess talba.*

*8. Illi l-esponenti ma jopponix, ghal dak rikjest fit-tmien talba attrici.*

*9. Illi d-disa' talba attrici, hija totalment superfluwa stante li l-kontendenti ma ghandhom ebda' propjeta' immobbli li hija komunali.*

*10. Illi l-esponenti ma jopponix ghal dak rikjest fl-ghaxar talba attrici, ghalkemm anke dina hija manifestament superfluwa u mhux mehtiega."*

4. B'sentenza mogħtija fl-20 ta' Ottubru, 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet il-kawża bil-mod segwenti:

*"1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tikkundanna lill-konvenut bhala l-kagun tas-separazzjoni minhabba eccessi u sevizzi.*

*2. Tilqa' t-tieni talba attrici u takkorda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri Mathias, f'idejn l-attrici, filwaqt l-access tal-konvenut, ghandu jigi ezercitat skond kif deciz fis-sottotitoli « Access » fis-sentenza fl-ismijiet inversi Joseph Vella vs Lorraine Vella Calleja Rik. Nru 247/14.*

*3. Tilqa' t-tielet talba attrici in parte, in kwantu l-konvenut ghandu jhallas l-ammont ta' €500 ghall-minuri Mathias li ghandhom jithallsu lill-attrici kull xahar bil-quddiem u permezz ta' standing order ghal gol-kont indikat mill-attrici. L-ispejjes edukattivi u tas-sahha ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.*

*L-ammont ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.*

*4. Tichad ir-raba' u hames talba attrici.*

*5. Tilqa' s-sitt talba attrici in kwantu l-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ghandha ssir kif deciz minn dina l-Qorti fis-*

*sentenza fl-ismijiet inversi Joseph Vella vs Lorraine Vella Calleja numru 247/14 fis-sottotitolu "Komunjoni tal-Akkwisti."*

*6. Tilqa' s-seba' u tmint talba attrici.*

*7. Tilqa' ukoll id-disa' u l-ghaxart talba attrici.*

*L-ispejjez kollha kif indikati mill-attrici ghandhom jigu sopportati interament*
*mill-konvenut."*

5. Permezz ta' rikors preżentat fit-3 ta' Novembru, 2020, l-attriċi appellat mis-sentenza fejn ilmentat mill-ammont likwidat mill-ewwel Qorti bħala somma dovuta lilha. Għalhekk talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi:

> *"filwaqt li tikkonfermaha meta laqgħat l-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet, is-Sitt, s-Seba', t-Tmien, d-disa u l-għaxar talbiet u ċaħdet ir-raba' u l-ħames talba attriċi, tvarjaha u tbiddilha biss billi meta' tilqa s-sitt talba, tiddikjara illi mill-kontijiet bankarji tal-attur ma jitnaqqsux sehem l-appellanti mir-redundancy fee fl-ammont ta' ħamsin elf, disa' mija u wieħed u sittin Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€50,961.99), mill-Christmas bonuses fl-ammont ta' elfejn. Tmin mija u tnejn u ħamsin Euro u tlettax-il ċenteżmu (€2,852.13), u mis-salajru fl-ammont ta' sittax-il elf u ħames mitt Euro (€16,500) għar-raġunijiet hawn fuq premessi u b'hekk it-total li għandha tirċievi l-konvenuta appellanti jkun ta' mija u wieħed u erbgħin elf, tmin mija u ħamsa u tletin Euro u wieħed u ħamsin (€140,835.51) u mhux €70,792 kif dikjarat mill-Ewwel Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati."*

6. Fid-9 ta' Novembru, 2020, l-attur ukoll appella u lmenta li:

(i) minn apprezzament inkorrett tal-provi b'dan illi, skontu,

(a) ma kellux jinstab responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ;

(b) il-kura u kustodja ta' iben il-partijiet ma kellhiex tiġi fdata esklussivament lill-konvenuta;

(ċ) tnaqqsu l-ġranet tal-aċċess li kienu stipulati permezz ta' diversi digrieti *pendente lite*; u

(d) l-manteniment dovut minnu kellu jitnaqqas għal €300 kull xahar li jinkludu spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni;

(ii) li saret komputazzjoni nkorretta tal-likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti; u

(iii) li ma kellux jeħel spejjeż. Jitlob għalhekk lil din il-Qorti:

> *"tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn iddikjarat is-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet, fejn ġiet likwidata u diviża l-komunjoni tal-akkwisti, fejn ġiet miċħuda t-talba tal-appellata għall-manteniment a favur tagħha, fejn ordnat lill-appellata tassenja l-beni / krediti dotali u parafernali appartinenti lill-appellant u fejn ġie akkordat id-dritt ta' aċċess versu l-minuri, nonostante tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata deċiża nhar l-20 ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) fl-ismijiet premessi f' dik il-parti li tikkonċerna li l-appellant instab responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ, jiġi dikjarat li l-appellata ddekadiet mid-drittijiet konjugali ai termini tal-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tiġi reveduta u ridotta s-somma hekk likwidata u diviża mill-komunjoni tal-akkwisti a favur tal-appellata, tiġi reveduta u awmentata s-somma hekk likwidata s-somma hekk likwidata u diviża mill-komunjoni tal-akkwisti favur l-appellant, li tiġi ridotta r-retta alimentari a favur tal-minuri, li jiġu estiżi l-ġranet u l-ħinijiet tal-aċċess u finalment li l-kura u kustodja tal-minuri Mathias tiġi afdata konġuntivament bejn il-partijiet u bl-ispejjeż kontra l-appellata."*

Konsiderazzjonijiet.

7. Is-sentenza appellata tistriħ fuq is-segwenti:

> *"Dina l-kawza mixja ma' kawza ohra fl-ismijiet inversi u cioe' Joseph Vella vs Lorraine Vella Calleja Rik. Nru 247/14 u ghaldaqstant, il-provi migbura f'dik il-kawza, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet dwar il-htija ta' separazzjoni, il-manteniment, il-kura u kustodja, flimkien mal-access u l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti japplikaw in toto ghal dina l-kawza u taghmilhom taghha."*

8. Għall-istess raġuni, safejn l-appelli tal-partijiet f'din il-kawża huma msejsa fuq l-istess aggravji li tressqu minnhom fil-kawża **Joseph Vella v. Lorraine Vella Calleja** (Rik. Nru 247/14), il-Qorti tirreferi għall-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula f'dik il-kawża u tipprovdi li l-istess għandhom japplikaw *mutatis mutandis* f'din il-kawża wkoll.

9. Jirriżulta iżda li fl-appell tiegħu f'din il-kawża, b'żieda mal-aggravji li huwa ressaq ukoll fil-kawża l-oħra, il-konvenut jilmenta wkoll dwar l-aċċess iffissat ma' ibnu u r-rata tal-manteniment li huwa għandu jivversa għalih. Għal xi raġuni, huwa ma ressaq l-ebda lment f'dak is-sens fil-kawża l-oħra, la fl-aggravji u lanqas fit-talba. Dan minkejja li dik is-sentenza trattat u ddeċidiet dawk il-kwistjonijiet u li dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Familja f'dik il-kawża, ġie mbagħad applikat ukoll f'din il-kawża.

10. Ifisser għalhekk li dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti dwar il-minuri huwa llum *res judicata.* Għalhekk il-Qorti ma tistax f'din il-kawża tikkunsidra l-aggravji tal-konvenut f'dak ir-rigward.

Għaldaqstant tilqa' l-appelli biss sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u dak deċiż fis-sentenza mogħtija llum fl-appell 247/2014 fl-ismijiet inversi, u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-20 ta' Ottubru, 2020, fis-sens li tiddikjara li l-konvenuta għandha tirċievi s-somma ta' mija u tnax-il elf disa' mija u sbatax-il euro (€112,917). Għall-kumplament tikkonferma l-parti dispożittiva tas-sentenza appellata.

Spejjeż tal-appell tal-attur jinqasmu in kwantu għal 90% a karigu tal-attur u 10% a karigu tal-konvenuta. Spejjeż tal-appell tal-konvenuta jinqasmu in kwantu għal 75% a karigu tal-attur u 25% a karigu tagħha.

Tordna lir-Reġistratur sabiex minnufih jinnotifika din is-sentenza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għall-finijiet ta' reġistrazzjoni skont il-liġi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da